**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 3 – IL-ĦAMIS, 25 TA' SETTEMBRU 2014**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Micallef | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużati: | Alfreda Abela | Membru |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) skuża ruħu li kellha tkun ikkanċellata l-laqgħa ippjanata għal Awwissu minħabba li kien ma jiflaħx ħafna tant li kellha tiġi kkanċellata wkoll il-laqgħa tal-Kunsill. Apparti hekk, minħabba attivitajiet oħra u l-festa tar-raħal ma kienx possibli li ssir il-laqgħa qabel.

1.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-Sinj. Abela kienet skużat ruħha li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa 2 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-(SE).

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

3.1. Iċ-*Chairperson* semmiet li fix-xahar ta' Ottubru 2014, fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq se jkun hemm Green Warden f'jum partikolari, fil-ħin ta' filgħodu. Ir-raġuni ewlenija hi minħabba li qegħdin jiġu osservati numru ta' nuqqasijiet minn sidien il-klieb.

3.2. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li l-Kumitat se jħallas nofs il-prezz ta' dan is-servizz filwaqt li n-nofs l-ieħor se jagħmel tajjeb għalih il-Kunsill Lokali In-Naxxar.

3.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet ukoll l-ittre li rċiviet mingħand is-Sinj. Ballucci mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar il-bajja ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Fl-ittre, s-Sinj. Ballucci esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-fatt li preżentament f'din il-bajja sidien il-klieb qegħdin jitħallew iniżżlu l-klieb tagħhom il-baħar. Dan għaliex il-liġi tgħidlek li sidien il-klieb jistgħu jagħmlu dan f'bajjiet li mhumiex ramlija, filwaqt li f'din l-istess bajja ma hemmx tabelli li jispjegaw lill-pubbliku li l-baħar hu kkontaminat.

3.4. F'dan ir-rigward iċ-*Chairperson* talbet lill-Kunsill sabiex jikteb lid-Dipartiment tas-Saħħa filwaqt li jikkwota l-punti ewlenin tas-Sinj. Ballucci.

3.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-membri bir-rapport li l-Kunsill ghamel l-għassa dwar resident Taljan li kien qiegħed jonqos milli jkun konformi mal-liġi. Ir-raġunijiet ewlenin huma tnejn: mhux qiegħed jiġbor il-ħmieġ tal-kelb tiegħu (minkejja li l-

Kunsill kien ħa ħsieb jibagħtlu ittra) filwaqt li qiegħed jiddisponi mill-iskart tiegħu fil-bins ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli meta jista' faċilment jagħmel użu mill-iskipps li jinsabu fi triqtu (minkejja li ġie mwissi verbalment).

3.6. Iċ-*Chairperson* qalet li allegatament trakkijiet ta' Polidano Bros ikkawżaw ħsara fuq il-ħajt li jinsab fi Triq Santa Klara kantuniera ma' Triq id-Dwieli. Il-Kunsill bagħat rapport l-għassa bir-ritratti tal-ħajt imġarraf u bl-allegat rapport.

3.7. Iċ-*Chairperson* irrimarkat li d-data tat-tilqima kontra l-influwenza, kampanja 2014/2015, se tkun is-Sibt l-1 ta' Novembru 2014, fil-ħin tat-8.00am fil-Knisja Santa Marija tal-Anġli.

3.8. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kunsill approva b'mod unanimu x-xogħol ta' wiċċ ġdid ta' Trejqet il-Kampanjol.

3.9. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Michael Falzon fit-2 ta' Settembru fejn ġiet mgħarfa li għaż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq m'hemmx fondi allokati mill-MEPA. Madankollu l-Kunsill Lokali In-Naxxar għandu madwar €150,000 allokati lilu taħt il-UIF, u l-Kumitat ta' Baħar iċ-Ċagħaq jista' jipprova jagħmel użu minn dawn bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-suġġett ewlieni tad-diskussjoni bejn is-Sinj. Cuomo u s-Segretarju Parlamentari kienet il-qagħda kritika ta' Triq Xatt il-Palm, iż-żona tal-iscouts u ż-żona tal-*caravans*.

3.10. Is-Sinj. Cuomo infurmat li għal Malta 5D Show li se ssir nhar id-9 ta' Ottubru 2014, se tmur is-Sinj. Muscat minflokha.

## 4. IS-SITWAZZJONI TA' ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

4.1. Iċ-*Chairperson* qalet li t-*turf* tal-*mini pitch* spiċċa.

4.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet ukoll id-diskussjoni li kellha mal-Perit Claire Vassallo dwar l-ilma ħiereġ. Fl-aħħar instab li dan kien kawża ta' xi pipijiet tal-irrigazzjoni li ma kinux imwaħħla tajjeb jew imqaċċta.

4.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-cameras għadhom ma jaħdmux. Dan minkejja li sewwa hi kif ukoll il-Kunsill irrappurtaw diversi drabi.

4.4. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Ministru.

4.5. Iċ-*Chairperson* semmiet li l-bankijiet tal-ġnien hemm fil-ħsieb li jsiru kkuluriti flokk bil-verniċ. Dan sabiex tingħata dehra isbaħ u ħajja lill-istess ġnien.

## 5. IX-XOGĦOL TAL-*COAST ROAD*

5.1. Is-Sur Micallef esprima l-opinjoni li tul Triq il-Kosta għandha ssir billboard tispjega l-proġett f'hiex jikkonsisti bi pjanta ddettaljatha tal-post la darba jitlesta.

5.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li x-xogħol miexi sewwa tant li diġa beda x-xogħol ta' *landscaping*.

## 6. TALBIET MINGĦAND IR-RESIDENTI

6.1. Saret talba għal żewġ humps fi Triq l-Imsaqqfin. Il-Kumitat ma sabx ġustifikazzjoni għal din it-talba.

6.2. Tresqet talba sabiex il-*parking space* fi Triq il-Lampara jsir bil-kaxxi. Din it-talba ġiet milqugħa filwaqt li ġiet estiża għal Triq ix-Xbiek ukoll.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet it-tappiera nieqsa li hemm fi Triq Qalet Marku. Il-Kunsill kien diġa għamel rapport lit-taqsima tas-Servizzi tal-Ilma iżda ġie mgħarraf li mhix tagħhom. Hekk il-Kunsill intalab biex jagħmel rapport mill-ġdid, din id-darba lill-Enemalta u l-linji tat-telefon. Din it-tappiera tinsab maġenb it-trejqa li tagħti għall-Magħtab.

7.2. Is-Sinj. Muscat staqsiet f'hiex waslu t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq. Is-SE qal li se jkollu jerġa jinbeda proċess mill-ġdid għaliex l-offerent li kien intagħzel fehem ħażin.

7.3. Is-Sinj. Muscat semmiet il-bżonn ta' żabra tas-siġra tal-ficus li hemm fi Triq Xatt il-Palm. Il-Kunsill mistenni li jitkellem mal-kuntrattur.

7.4. Is-Sinj. Muscat infurmat lill-kumplament tal-Kumitat li xi ġardinara mexxew is-siġar tal-palm minn Triq ir-Ridott għal Triq Xatt il-Palm, liema siġar għandhom bżonn jissaqqew.

7.5. Is-Sinj. Muscat semmiet il-qagħda tal-*bring-in-sites* ta' Triq l-Isbark tal-Franċiżi u ta' Triq is-Sikka. Fi Triq l-Isbark tal-Franċiżi hemm il-*bring-in-site* tal-plastik kważi miftuħ filwaqt li l-*bring-in-sites* tal-karta, plastik u metal ta' Triq is-Sikka huma lkoll miftuħa beraħ, l-għatu tal-karta jkun saħansitra mkisser.

7.6. Ma' dan is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li l-*bring-in-sites* għandhom bżonn jitnaddfu.

7.7. Is-Sinj. Muscat irrappurtat il-bozza maqtugħa ma' dar Arzella fi Triq ix-Xambekk. Madankollu ġiet mgħarfa li l-bozza rrappurtatha s-Sinj. Cuomo xi jiem qabel.

7.8. Is-Sinj. Vella ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fit-triq tagħha, il-kollettur tal-iskart riċiklabbli mhux qiegħed jgħaddi. Il-Kunsill intalab jagħmel rapport lil Green MT.

7.9. Is-Sinj. Vella infurmat lill-membri tal-Kumitat li l-kors Żumba mhux se jsir minħabba n-nuqqas ta' konkorrenza.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar Il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru, 2014 għas-6:30pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |